

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Ottubru 2014

rigward il-pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv li joriġina mill-ewwel u t-tieni stadju ta' żarmar tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Saint-Laurent A, li jinsab fi Franza

(it-test bil-Frañċiż biss huwa awtentiku)

(2014/C 371/01)

Il-valutazzjoni ta' hawn taħt qed titwettaq skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-Euratom, mingħajr ħsara għal kwalunkwe valutazzjoni oħra li għandha titwettaq skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-obbligi li joħorġu minnu u mil-leġiżlazzjoni sekondarja ⁽¹⁾.

Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet mingħand il-Gvern Frañċiż, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom, Dejta Ġenerali rigward il-pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv li joriġina mill-ewwel u t-tieni stadju ta' żarmar tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Saint-Laurent A.

Abbażi ta' din id-dejta u t-tagħrif addizzjonali mitlub mill-Kummissjoni fil-10 ta' April 2014 u pprovdut mill-awtoritajiet Frañċiżi fis-26 ta' Mejju 2014, u wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni fasslet l-opinjoni li ġejja:

1. Id-distanza bejn l-impjant tal-enerġija u l-eqreb fruntiera ma' Stat Membru ieħor, f'dan il-każ il-Belġju, hija 320 km. Ir-Renju Unit jinsab f'distanza ta' 360 km, filwaqt li d-distanza mil-Lussemburgu hija 375 km. Id-distanza bejn is-sit u l-eqreb fruntiera ta' pajjiż ġar, f'dan il-każ iċ-Channel Islands (Id-Dipendenzi tal-Kuruna Brittanika) hija 300 km.
2. Waqt operazzjonijiet normali ta' żarmar, il-ħruġ ta' effluwenti radjuattivi likwidi u gassużi mhux responsabbli li jikkawża esponiment tal-popolazzjoni fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż ġar li jkun sinifikanti mill-punt tas-saħħa.
3. Skart radjuattiv solidu jinħażen temporanjament fis-sit qabel ma jiġi ttrasferit għal faċilitajiet liċenzjati ta' trattament jew ta' rimi li jinsabu fi Franza. Ma hemm l-ebda pian għall-esportazzjoni ta' skart radjuattiv barra minn Franza.
4. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-kontrolli tal-konċentrazzjoni tal-attività residwa, imwettqa biex tiġi kkonfermata n-natura konvenzjonali tal-iskart solidu wara d-dekontaminazzjoni, ikunu tali li tiġi żgurata l-konformità mal-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fid-Direttiva dwar l-istandards bażiċi ta' sigurtà (id-Direttiva 96/29/Euratom).
5. F'każ ta' rilaxxi mhux ippjanati ta' effluwenti radjuattivi, li jistgħu jirriżultaw minn inċidenti tat-tip u d-daqs ikkunsidrati fid-Dejta Ġenerali, id-dożi li x'aktarx jilhqgħu l-popolazzjoni fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż ġar ma jkunux sinifikanti mill-aspett tas-saħħa.

⁽¹⁾ Pereżempju, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-aspetti ambjentali għandhom jiġu vvalutati aktar. B'mod indikattiv, il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/92/UE dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, Direttiva 2001/42/KE dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, kif ukoll id-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi u d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma.

Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-implimentazzjoni tal-pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv fi kwalunkwe għamla li joriġina mill-ewwel u t-tieni stadju ta' żarmar tal-impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Saint-Laurent A fi Franza, kemm waqt it-tħaddim normali kif ukoll fil-każ tal-aċċidenti tat-tip u d-daqs ikkunsidrati fid-Dejta Ġenerali, x'aktarx li ma jirriżultax f'kontaminazzjoni radjuattiva, li tkun sinifikanti mil-lat tas-saħħa tal-ilma, tal-ħamrija jew l-isparju tal-ajru ta' Stat Membru ieħor.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Günther OETTINGER

Vċi President tal-Kummissjoni
